# Nazju Bugeja (10.x.1932-29.i.2007)

Veteran tal-ġostra tradizzjonali f'San Ġiljan



Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Din il-kitba qed niddedikaha lil Nazju Bugeja f'għeluq il-ħames anniversarju mill-mewt tiegħu. Għaldaqstant, ser nitkellem fuq ħajjet u ħidmet dan il-veteran tal-ġostra f'San Ġiljan biex din l-attività folkloristika maltija tibqa' ħajja fostna l-Ġiljaniżi. Iżda qabelxejn, ejja nagħtu ħarsa ħafifa lejn il-logħba tradizzjonali tal-ġostra.

Kliem muftieħ: San Ġiljan, Nazju Bugeja, Ġostra, Nazju tal-Ġostra, Għaqda tal-Ġostra, Xatt is-Sajjieda, Mro. Alfred Dimech, Każin Banda 'San Ġiljan' San Ġiljan,

IL-ĠOSTRA: Fil-ktieb tiegħu 'Drawwiet u Tradizzjonijiet Maltin', l-awtur Guido Lanfranco jgħidilna hekk dwar l-oriġini tal-ġostra: 'Il-kelma ġostra, li aħna writna mit-Taljan, nużawha biex niftehmu dwar dik il-logħba li ssir fuq il-baħar fejn nies jikkompetu biex jilħqu tarf arblu midluk bix-xaħmijiet. Imma tfisser kull għamla ta' logħob kompetittiv li kien isir fl-imgħoddi, l-aktar jekk kienu jipparteċipaw kategoriji differenti ta' nies tal-Ordni, bil-logħob tal-armi bħalma kien isir regolarment f'pajjiżhom. Għalkemm fi żmien l-Ordni kienu jsiru wħud minn dawn id-divertimenti bejniethom, in-nies tal-post kienu jipparteċipaw bil-mezzi tagħhom ...'[1]

Il-Ġostra fil-fatt hija waħda mill-karatteristiċi tal-festi ta' barra (esterni) meta l-festa fis-sajf teħodna f'xatt il-baħar.[2] Fil-każ tagħna, huwa fatt magħruf li fl-1842 "kien hemm il-ġostra fil-bajja ta' San Ġiljan nhar il-festa u għaliha marru għexieren ta' nies."[3] Dawn iż-żewġ ritratti ferm antiki ta' hawn taħt juru l-ġostra fil-bajja ta' barra (Bajja tal-Balluta) għall-festa tal-Karmnu. L-ewwel ritratt jeħodna lura fl-1898 filwaqt li t-tieni wieħed ittieħed fl-1910!





[1] Pubblikazzjonijiet Indipendenza PIN – Malta 2004, paġni 187-8.

[2] San Ġiljan, il-Balluta, u l-Imsida huma fost dawk l-inħawi li jqanqlu nostalġija għal min jiftakar festi oħra bil-logħob tal-ġostra bħalma kien isir ftit ilu x-Xatt tal-Belt fil-festa tal-Madonna ta' Liesse u f'festi oħra tal-Port il-Kbir. (pġ. 44 – Il-Festi tagħna – Analiżi ta' ġrajjiet, twemmin, u drawwiet mill-imgħoddi saż-żmenijiet ta' llum - ta' Charles Coleiro – Sensiela Kullana Kulturali Nru. 48 – Pubblikazzjonijiet Indipendenza PIN – Malta 2003.)

[3] Program tal-festa Każin Banda San Ġiljan (1994), pġ. 37.

Illum il-ġurnata, il-ġostra ssir fuq il-baħar fil-bajja ta' ġewwa (Bajja ta' Spinola) għall-festa ta' San Ġiljan. (Għal xi żmien ukoll, kienet issir fil-bajja ta' barra - Bajja tal-Balluta - għall-festa tal-Karmnu). Il-logħba tikkonsisti f'numru ta' rġiel u ġuvintur u ġieli anke xebbiet u tfal, jitilgħu jimxu fuq arblu midluk bix-xaħam, biex jippruvaw jaqbdu waħda minn tlitt ibnadar, dik ta' Malta, tal-Papa u fl-aħħarnett il-Belġjana, ta' San Ġiljan. Hawn taħt għaqqadt tliet ritratti f'wieħed fejn fihom jidher Nazju fl-azzjoni qed jixxabbat fuq l-arlblu midluk bix-xaħam biex jilħaq waħda minn dawn il-bnadar, jaħtafha bejn idejh, u jinxteħet biha l-baħar:






NOTA BIJOGRAFIKA: Nażju Bugeja twieled San Ġiljan nhar l-10 ta' Ottubru, 1932. Iżżewweġ lil Ġuża, imwielda Desira, u kellhom tlett itfal, Simon (tw. 28.x.1969), Karen u Sandra. Għalkemm huwa kien jaħdem fultajm mal-Enemalta fid-diviżjoni tal-Petroleum - dak iż-żmien *The Shell (Malta) Co. Ltd.*[4], minn dejjem kien dilettant kbir tal-baħar u tas-sajd. Ħafna sajjieda Ġiljaniżi fil-fatt jiftakruh iħuf f'Xatt is-Sajjieda biex jara lil min jista' jagħti xi daqqa t'id biex ivara jew itella' xi dgħajsa, jonkella biex jixkatla u/jew jiżbogħ xi luzzu! U peress li fil-festa ta' San Ġiljan ġa kienet issir il-ġostra, u hu kien dejjem iħobb jinżel sax-xatt, wera x-xewqa li jibda jieħu sehem fiha hu wkoll. U minn dakinhar 'il quddiem baqa' jitla' l-ġostra sena wara l-oħra, u baqa' sakemm beda jorganizzaha huwa stess flimkien ma ħuh Ġużeppi, magħruf bħala iż-Żużu. Ħuh l-ieħor iż-żgħir, Alfie, ukoll kien jitla' l-ġostra. U hawnhekk wieħed ma jistax ma jsemmix lil Louis Bugeja, li jiġi in-neputi ta' Nazju, li wkoll kien sinonimu mal-Ġostra.



Ħolma oħra ta' Nazju kienet li jakkwista arblu tal-ġostra. Din il-ħolma fl-aħħar saret realtà wara li l-Għaqda tal-Ġostra rnexxielha takkwistah permezz ta' għajnuniet varji fl-1988. Għax għal Nażju, il-Ġostra tant kienet saret xiħaga speċjali, li

[4] Nazju Bugeja ex-impjegat tal-Enemalta fid-diviżjoni tal-Petroleum mar jiltaqa' mal-Mulej fl'età ta' 74 sena fid-29 ta' Jannar 2007 (jumejn biss wara li tiġi ċċelebrata l-festa liturġika ta' San Ġiljan). Nazju kien magħruf sew ma' dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-festi. Huwa kien jorganizza u jipparteċipa fil-Ġostra ta' San Ġiljan. (Ene*info* – Ħarġa nru. 47 – 30 sena enemalta 1977-2007)

saħansitra ra kif għamel u ħajjar lil ibnu stess biex jibqa' jżommha ħajja f'San Ġiljan. Illum fil-fatt, Simon (Xmun) huwa wieħed mill-imħuħ, flimkien ma' Sandro Vassallo, li jorganiżżaw il-ġostra fil-festa ta' San Ġiljan. U xogħolhom huwa li jżommu din it-tradizzjoni ħajja kif dejjem xtaq missier Simon. Ta' min jgħid ukoll, li dan l-aħħar il-logħba tal-ġostra ġewwa San Ġiljan m'għadhiex issir minn fuq il-baħar minħabba l-problema tal-barkun, u minflok qegħda ssir mill-art.

U hawn taħt jidher ritratt ieħor ta' Nazju (imdawwar b'ċirku blu) bis-sigarett f'idu, flimkien ma' sajjied ieħor bilqiegħda fuq ġenb ta' dgħajsa f'nofs ta' baħar:



ĠUBLEW TAD-DEHEB: Il-ġostra kienet tifforma wkoll parti minn ġimgħa ta' attivitajiet li kienu tħejjew għall-okkazjoni tal-ġublew tad-deheb tal-Każin Banda San Ġiljan fl-1977. Fil-fatt, fil-programm ta' nhar il-Ħadd 21 ta' Awwissu l-ġostra kellha tibda fis-sitta ta' filgħaxija u kellha ssir fil-bajja ta' San Ġiljan, magħrufa aħjar fost il-Ġiljaniżi bħala l-Bajja ta' ġewwa. Qabilha kien hemm attività sportiva oħra tat-tiġrijiet taż-żwiemel. L-attivitajiet tal-ġimgħa kienu laħqu l-qofol tagħhom b'kunċert vokali u strumentali f'misraħ il-Qalb ta' Ġesù taħt id-direzzjoni tas-Surmast Alfred Dimech A.Mus.LCM u s-sehem tas-St. Julian's Choir taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġwann Galea, illum Monsinjur. Hawn taħt qed inġib il-programm ta' attivitajiet li kienu saru dakinhar. Fir-ritratti mbagħad, jidher wieħed mix-xabbaturi nieżel għall-isfel ġol-baħar wara li żelaq minn fuq l-arblu bix-xaħam.

**Il-Hadd, 21 ta' Awissu:**

Fil-5.00 p.m. Tiġrijiet taż-Żwiemel fit-triq li tagħti għar-Regional Road. (Taħt il-Knisja Parrokkjali). It-tiġrijiet ġew sponsorjati mir-Regatta Wines.

Fis-6.00 p.m. Ġostra fil-Bajja ta' San Ġiljan.

Fit-8.00 p.m. Kunċert strumentali u vokali mill-Banda San Ġiljan u mis-St. Julian's Choir fil-Pjazza tal-Qalb ta' Ġesù. Isir logħob tan-nar u tinkixef Lapida Kommemorattiva fil-Każin tal-Banda mill-President tar-Repubblika, l-Avukat A. Buttigieg. Wara jsir riċeviment għall-mistednin.



Nażju kien ukoll dilettant kbir tal-festa u dejjem ta sehmu fl-armar tal-festa f'dak li għandu x'jaqsam ma' tiżjin tat-toroq u tlugħ ta' arbli. U bħal ħafna ulied oħra, Simon kien dejjem jiġri wara missieru, u kull meta Nazju kien jinżel biex jgħin lil tal-armar, Simon kien ikun hemm jagħti sehmu huwa ukoll flimkien ma' missieru. Simon fil-fatt baqa' dillettant tal-festa għal ħafna żmien, tant li spiċċa fil-kumitat tal-festa fejn għadu hemm sa llum.

MARĊ IDDEDIKAT LIL NAZJU: Fl-okkażjoni tal-ħames anniversarju mill-mewt ta' Nazju, is-Surmast Manoel Pirotta ġie kkummisjonat minn ibnu Simon u f'isem l-Għaqda tal-Ġostra biex jikteb marċ birjuż li ser jiżżanżan għall-festa ta' San Ġiljan ta' dis-sena. Il-marċ jismu proprjament NAZJU TAL-ĠOSTRA (1932-2007). Fl-introduzzjoni kemm tiegħu u dik ta' qabel it-triju wieħed jista' jinnota il-ġirja tax-xabbatur hu u tiela' l-arblu midluk bix-xaħam biex ftit wara jiżloq u jispiċċa l-baħar!

Ħajr lil Simon Bugeja tat-tagħrif u r-ritratti li għoġbu jgħaddili biex stajt ninseġ dan l-artiklu.